MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 6/2009

**Go p.l.c. (C-22334)**

**vs**

**Joseph Deguara (I.D. 606562M) f'ismu propju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Jack Frost Frozen Foods Manufacturing Co. Limited (C-11829)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett mija u sebgha u sittin Euro (€367.00), in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 21334181, 21804419 u 21318401, skond kif jirrizulta mid-dokument anness mal-avviz tat-talba u markat Dok A u B.

Illi l-konvenuti gew interpellata sabiex jghaddu ghal-hlas izda baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-hlas u l-ahhar pagament u cioe' mid-29 ta' Mejju, 2006 kontra l-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenuti ihallsu is-somma ta' tlett mija u sebgha u sittin Euro (€367.00), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------